MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 2593/2000/1

**Giovanna Antida Casha f'isimha u ghan-nom tal-minuri Nathalie, Rosalie u Theresa**

**vs**

**Anthony Casha**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-hajja konjugali u l-koabitazzjoni bejn il-partijiet saru mpossibbli, u dan ghar-ragunijiet diga' migjuba quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili li b'digriet tat-28 ta' Lulju 2000 awtorizzat li tinbeda s-separazzjoni.

Illi dawn ir-ragunijiet huma mohqrija, sevizzi, ingurji gravi u inkompatibilta' ta' karattru kollha mputabbli lill-konvenut *in oltre* z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

Illi minn dan iz-zwieg twieldu sitt itfal, tlieta minnhom minorenni u cjoe' Natalie, Rosalie u Theresa.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti u dawn bi htijiet imputabbli lilu, u dan ghar-ragunijiet premessi.

2. Tiffissa r-retta alimentarja ghall-attrici u timponi wkoll il-modalitajiet tal-hlas tal-istess retta.

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti gja' ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess u tassenja nofs lill-attrici u nofs lill-konvenut.

4. Tiddikjara kontra l-istess konvenuta l-provvedimenti tal-**artikoli 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili**.

5. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Nathalie, Rosalie u Theresa kif ukoll li tordna lill-istess konvenut ihallas retta alimentarja ghalihom lill-attrici bil-modalitajiet tal-hlas tal-istess.

6. Tassenja d-dar konjugali lill-attrici taht dak it-titolu u taht dawk il-provvedimenti xierqa ghall-kaz.

7. Tawtorizza lill-attrici li tibda tuza' kunjom xbubitha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni nkluzi fl-ispejjez dawk tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti a fol. 4 sa 6 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Settembru 2001; tat-22 ta' Novembru 2001; tat-13 ta' Frar 2002; tal-15 ta' Mejju 2002;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-3 ta' Settembru 2002 a fol. 21 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Id-dezerzjoni tal-kawza a tenur ta' l-**artikolu 963 *et seq.* tal-Kodici Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).**

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess iz-zwieg *de quo* tkisser unikament tort ta' l-attrici.

3. Isegwi ghalhekk illi l-attrici ghandha tbaghti l-konsegwenzi kollha naxxenti minn dan il-fatt.

4. Fic-cirkostanzi tal-kaz l-attrici mhijiex intitolata ghall-manteniment.

5. Illi hu fl-interess tal-minuri illi l-kura u l-kustodja taghhom tigi fdata f'idejn eccipjenti.

6. Fic-cirkostanzi tal-kaz l-attrici m'ghandhiex tinghata d-dar matrimonjali.

7. Salv eccezzjonijiet ohra jekk u meta jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tieghu u l-lista ta' xhieda a fol. 22 u 23 tal-process;

Rat li c-citazzjoni attrici giet prezentata fit-12 ta' Dicembru 2000, giet appuntata minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-24 ta' April 2001 u appuntata ghall-21 ta' Settembru 2001; fl-24 ta' Settembru 2001 giet differita ghan-notifika tal-konvenut ghat-22 ta' Novembru 2001; fit-22 ta' Novembru 2001 giet differita ghan-notifika tal-konvenut ghat-13 ta' Frar 2002; fit-13 Frar 2002 giet differita ghal quddiem din il-Qorti diversament presjeduta ghall-15 ta' Mejju 2002.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti kif presjeduta nkluzi dawk tal-15 ta' Mejju 2002 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tal-konvenut ghad-29 ta' Ottubru 2002 u fejn jirrizulta li fil-mori l-konvenut gie notifikat fit-28 ta' Awissu 2002; tas-seduta tad-29 ta' Ottubru 2002 fejn il-kawza thalliet sabiex tigI trattata l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut; u tal-10 ta' Dicembru 2002 fejn id-difensuri trattaw l-ewwel eccezzjoni. Il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni ghas-27 ta' Frar 2003

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din is-sentenza hija limitata ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, fejn qed jeccepixxi illi l-kawza ghandha tigi dikjarata dezerta *ai termini* ta' **l-artikolu 963** *et seq.* tal-**Kap.12** *stante* li l-proceduri bil-miktub ma nghalqux fi zmien sitt xhur mill-prezentata tac-citazzjoni odjerna.

Illi **l-artikolu 963(1) (2) u (5) tal-Kap.12** jipprovdu illi :-

*"(1) Bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 416 u 420, il-procedura bil-miktub, f'kull kawza ghandha tigi maghluqa, fil-Qorti ta' l-ewwel grad, fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur, u fil-Qorti fi grad ta' appell, fiz-zmien perentorju ta' sena."*

*"(2) Fil-Qorti ta' l-ewwel grad, iz-zmien jibda ghaddej minn dak in-nhar tal-prezentata tac-citazzjoni, u fil-Qorti fi grad ta' appell, minn dakinhar tal-prezentata tar-rikors tal-appell ghat-thassir jew tibdil tas-sentenza appellata."*

*"(5) Bla hsara tad-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 732, kawza li l-proceduri bil-miktub taghha ma jigux maghluqa fiz-zmien hawn fuq imsemmi :-*

*(a) meta l-kawza tkun quddiem qorti ta' l-ewwel grad, din ghandha titqies bhala kawza li tkun tqieghdet fuq il-lista ta' kawzi ghas-smiegh u li sussegwentement, b'ordni tal-*

*Qorti, tkun thalliet ghal data mhux specifikata, u d-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 964 sa 967 ta' dan il-Kodici ghandhom japplikaw ghaliha; u*

*(b) meta l-kawza tkun quddiem Qorti tat-tieni grad, din ghandha titqies bhala kawza dezerta."*

Illi c-citazzjoni odjerna giet prezentata fit-12 ta' Dicembru 2000, u giet iffirmata mill-Qorti sabiex tigi appuntata fl-24 ta' April 2001, u appuntata ghall-24 ta' Settembru 2001, u notifikata fit-28 ta' Awissu 2002, u l-eccezzjonijiet gewipprezentati fit-3 ta' Settembru 2002, qrib sentejn minn dakinhar li nfethet il-kawza. Dwar dawn il-fatti ma jidhirx li hemm kontestazzjoni.

Illi ghall-punti legali li jidhru li huma nvoluti fid-determinazzjoni ta' din l-eccezzjoni jirrizulta li skond **l-artikolu 158 (12) tal-Kap.12,** il-proceduri bil-miktub ghall-kawzi maghmula b'citazzjoni, jitqiesu maghluqa mal-prezentata tan-nota tal-eccezzjonijet, jew malli jghaddi t-terminu moghti lill-konvenut ghall-prezentata tal-eccezzjonijiet.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Grima vs Victor Aquilina *proprio et nomine*"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000 gew riaffermati dawn il-principji fid-dawl tal-provvedimenti tal-**artikolu 963** *et sequitur* **tal-Kap 16** :-

(a) Li l-eccezzjoni ta' dezerzjoni ma hijiex ta' ordni pubbliku ghaliex tista' tigi rinunzjata kif rifless fl-**artikolu 732 (2) tal-Kap 16** tant li jekk ma tinghatax bhala eccezzjoni qabel kull eccezzjoni perentorja mela allura tittiehed bhala li l-konvenut rrinunzja ghall-istess **"Gualtiero Agius et vs Teresa Palmiet et" –** 31 ta' Marzu 1909).

(b) Illi t-terminu ta' xahar imsemmi fl-**artikolu 963 (3) tal-Kap 16** ghandu jitqies *oltre* l-perjodu ta' sitt (6) xhur imsemmi fis-sub-artikolu (1) tal-**artikolu 963.**

*(c) "Illi tal-istess vina huwa l-**artikolu 963 (5)** (emendat bl-**Att IV tal-1996**) li l-import tieghu huwa li l-"kawza*

*quddiem l-ewwel grad li l-proceduri bil-miktub fiha ma jkunux inghalqu fi zmien sitt xhur ma titqiesx dezerta malli jghaddu sitt xhur, izda titqieghed fuq il-lista tal-kawzi differiti sine die jew sospizi, u jkun wara li jghaddi aktar zmien imfisser fl-artikolu 964 u 965 li titqies dezerta"* ***("Dr. Tonio Azzopardi vs Victor Aquilina et" –*** *(P.A. (GCD) 5 ta' Novembru 1999).*

Illi fis-sentenza **"Direttur tal-Kuntratti vs Andrei Cassar"** P.A. (JRM) 29 ta' Novembru 2001 - 2318/99/JRM) il-Qorti tenniet li *"ghal zmien twil, id-dispozizzjonijiet tal-ligi gew imfissra u applikati b'mod iebes u intransigenti ghall-ahhar u dan bil-hsieb li jigi mhares in-nuqqas ta' dewmien mhux mehtieg fil-kawzi. Min-naha l-ohra jidher li huwa daqstant xieraq u misthoqq li l-ligi tassikura li s-sanzjonijiet mahsuba fl-istitut tad-dezerzjoni ma jintefghux fuq il-parti li tonqos li twettaq il-parti taghha fiz-zmien stabbilit minkejja r-rieda taghha, jew jekk turi li trid tuza' l-hila kollha taghha biex tilhaq lill-parti l-ohra, jew fejn il-parti l-ohra tirrinunzja ghall-eccezzjoni (Vide App.Inf –* ***"F.X. Formosa et vs C. Mifsud et"*** *– 26 ta' Frar 1999).*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Joseph Grima vs Victor Aquilina pro et noe"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000 - 1747/97/RCP):-

*"…. huwa car li l-principju li ghandu janima lill-gudikant, huwa dejjem dak ritenut mill-Qrati taghna illi tali istitut ta' dezerzjoni huwa ntenzjonat biss sabiex jippenalizza min ikun abbuza mill-proceduri quddiem il-Qorti, billi ma jimxix bil-ghaqal u jaghmel dak li ghandu jaghmel f'hin ragonevoli, izda certament ma sarx sabiex jorbot idejn il-Qorti fl-appuntamenti tal-kawza, u lanqas sabiex jippenalizza lill-attur jew appellant, minhabba l-htigijiet amministrattivi tal-Qorti. Illi ghalhekk f'kaz li l-ordni tal-Qorti ghall-appuntament tal-kawza, isir wara l-perjodu ta' sitt xhur mid-data meta tkun prezentata c-citazzjoni, dan ma ghandu jkun ta' ebda hsara lill-attur, li certament ma kellu ebda ghazla fuq il-jum meta tinghata dik l-ordni. Kull argument iehor ikun negazzjoni tad-drittijiet elementari tal-gustizzja."*

Infatti fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-22 ta' Jannar 2000 fl-ismijiet **"Francesco Saverio Frendo vs Rev. Giuseppe Frendo et"** (A.C. (JSP) - 2831/96 CFS) intqal:-

*"Fil-kaz ta' kawzi fl-ewwel grad fejn ma jkunx gie osservat id-dispost tas-subinciz 1 ta' l-istess artikolu u fejn allura l-proceduri bil-miktub ma jkunux gew maghluqa fiz-zmien stipulat – kif hu l-kaz taht ezami – 'din ghandha titqies bhala kawza li tkun tqeghdet fuq il-lista ta' kawzi ghas-smiegh u li sussegwentement, b'ordni tal-Qorti tkun thalliet ghal data mhux specifikata u d-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 964 sa 967 ta' dan il-Kodici ghandhom ikunu japplikaw ghaliha."*

*"Kjarament allura l-ligi ma tridx illi f'kaz ta' kawza quddiem Qorti ta' l-ewwel grad ikun hemm dezerzjoni awtomatika meta l-proceduri bil-miktub ma jkunux gew maghluqa fi zmien statutorju. Il-Qorti f'dan il-kaz stabbiliet procedura preciza kif tali dezerzjoni kellha, f'dawn il-kazijiet, tavvera ruhha."*

Illi fis-sentenza fuq imsemmija **"Direttur tal-Kuntratti vs Andrei Cassar"** il-Qorti sostniet :-

*"L-artikolu 963(5)(a) tal-Kap 12 ma jghidx li l-kawza trid tkun segwiet l-iter imsemmi fl-artikolu 964(1), imma biss li, f'kaz li kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-ewwel grad, li l-procedura bil-miktub taghha ma tkunx inghalqet fiz-zmien imfisser fl-*artikolu *963(1), din titqies bhala kawza li tkun tqeghdet fuq il-lista tas-smiegh u titqies bhala kawza li, b'ordni tal-Qorti, tkun marret sine die, ghalkemm fil-fatt ma tkun ghadha qatt hekk tqeghdet";*

*"Illi, fil-fehma tal-Qorti, f'dak il-kaz, iz-zmien li fih il-kawza tinzamm 'imdendla' qabel titqies li marret dezerta jitwal biz-zminijiet imsemmija fl-artikolu 964(1) u 967".*

Illi pero' dan ir-ragunament ma giex sewgiet fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Distinct Conversions Limited vs Joseph u Agnes mizzewgin Fasanelli"** (A.C. (VGD) (JDC) (JAF) 31 ta' Jannar 2003)

tant li l-pozizzjoni korretta tal-procedura applikabbli giet deskritta b'dan il-mod:-

*"Infatti, f'sentenza li nghatat illum stess fl-ismijiet* ***"Id-Direttur tal-Kuntratti vs Cleanwell Services Ltd."*** (A.C. (VGD) (JDC) (JAF) 31 ta' Jannar 2003) jinghad hekk:-

*"Ghalhekk l-espressjoni "ghandha titqies" fl-Artikolu 963(5)(a) ma tistax tinghata nterpretazzjoni aktar wiesa' minn dik moghtija mill-legislatur. Kawza quddiem Qorti ta' l-ewwel grad li l-proceduri bil-miktub ma jigux maghluqa fiz-zmien perentorju msemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 963, bhala x'hiex "ghandha titqies"? Ir-risposta hija cara: ghandha titqies bhala (i) kawza li tkun tqieghdet fuq il-lista' ta' kawzi ghas-smiegh, u (ii) bhala kawza li tkun, b'ordni tal-Qorti, thalliet sine die. Sa hawnhekk biss twassal l-espressjoni "shall … be deemed to be". Dak li qed tippretendi l-appellanti huwa li tali kawza "ghandha titqies"* ***<u>ukoll</u>*** *li tqieghdet fuq il-lista msemmija fl-artikolu 964(1). Tali Interpretazzjoni, fil-fehma tal-Qorti, ma hix gustifikata. Il-legislatur kjarament ried li jkun hemm <u>il-pubblicita</u>` tal-lista msemmija fis-subartikoli (1), (2) u (3) ta' l-Artikolu 964 (bil-"pubblikazzjoni" ta' l-istess lista) qabel ma jkun hemm is-sanzjoni tad-dezerzjoni. Huwa veru li fil-prattika jista' jkun hemm certu diffikultajiet ghar-registratur sabiex isegwi l-kawzi kollha; pero` fil-verita` anqas kien obbligat li jsegwi l-kawzi, bhal dik in dizamina, bil-mod kif qed tippretendi s*-socjeta` appellanti*. Dak li kellu jsir f'din il-kawza kien li, jekk il-Prim' Awla ma riditx thalli l-kawza sine die kif appena ntebhet bit-trapass tas-sitt xhur, ghall-anqas tigbed l-attenzjoni tar-registratur ghal dak li jipprovdi l-***artikolu 963(5)(a)*** *imsemmi, u r-registratur kien ikun, f'dak il-kaz, obbligat li jimxi skond il-ligi (billi jsemmi l-kawza fil-"Lista tal-kawzi sospizi fil-Qorti…").*

*"peress li f'din il-kawza, allura, ma saritx il-pubblikazzjoni mehtiega skond l-***Artikolu 964(1) tal-Kap. 12***, ma jistax jinghad li l-kawza marret dezerta".*

Illi ghalhekk huma dawn ir-regoli kif imsemmija fl-ahhar sentenza li ghandhom jirregolaw id-determinazzjoni tal-

pendenza odjerna. Ghalhekk applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* jirrizulta li c-citazzjoni attrici giet prezentata fit-12 ta' Dicembru 2000 giet iffirmata mill-Qorti fl-24 ta' April 2001 u mill-process jirrizulta li l-ewwel darba li c-citazzjoni harget ghan-notifika kien fl-20 ta' Settembru 2001, imbaghad sar rikors sabiex il-konvenut jigi notifikat wara l-hinijiet legali fis-6 ta' Novembru 2001 u d-digriet li laqa' tali talba hu datat fit-12 ta' Novembru 2001. Illi imbaghad pero' l-ewwel notifika wara dan id-digriet tirrizulta *a tergo* ta' fol.19 tal-process li nharget fid-19 ta' Lulju 2002, tmien xhur wara.  Fl-ahharnett il-konvenut gie notifikat fit-28 ta' Awissu 2002.

Illi minn dan kollu jirrizulta li ghalkemm iz-zmien ta' sitt (6) xhur imsemmi fl-**artikolu 963 (1) k**kalkolat mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni attrici kien ghadda, z-zminijiet imsemmija aktar 'il fuq u partikolarment dawk indikati fl-**artikolu 963 (5) (a) tal-Kap 12,** li min-naha taghhom jirreferu ghall-**artikoli 964** sa **967** ma ghaddewx u dan ghas-semplici raguni li l-istess kawza qatt ma giet imqeghda fuq il-lista ta' kawzi li marru *sine die* u *di piu'* ma saritx il-pubblikazzjoni ndikata mir-registratur *ai termini* tal-**artikolu 964 (1) tal-Kap 16** u ghalhekk fuq l-iskorta tad-decizjonijiet ricenti tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fuq citati, ma jistax jinghad li l-istess kawza odjerna marret dezerta, u ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha.

Illi *inoltre* dan jaqbel perfettament ma' dak li gie ritenut fis-sentenzi ta' din il-Qorti kif presjeduta fosthom **"Erminia Borg, et vs Joseph Bellizzi"** (P.A. (RCP) 1 ta' Marzu 2000) u **"Joseph Grima vs Victor Aquilina *proprio et nomine"*** u wkoll ta' din il-Qorti diversament presjeduta **"Dr. Tonio Azzopardi nomine vs Victor Aquilina et"** (P.A. (GCD) 5 ta' Novembru 1999).

Illi pero' l-Qorti thoss li huwa doveruz li jinghad li jidher car li l-kostruzzjoni tal-artikoli fuq citati ma humiex daqshekk facli li wiehed jikkomprendi mill-ewwel is-sinfikat taghhom u dan anke minhabba d-diversi riferenzi li hemm ghal diversi artikoli u subartikoli ohra, li necessarjament wiehed irid jara sabiex isegwi l-*iter* tal-ligi, u dan huwa wkoll komplikat mill-fatt, li kif gie ndikat sewwa mill-Qrati taghna

u partikolarment fis-sentenza **"Distinct Conversions Limited vs Joseph u Agnes mizzewgin Fasanelli"** (P.A. (JRM) 30 ta' Ottubru 2001) tali regoli kienu ghall-ewwel intenzjonati biex japplikaw ghall-procedura tal-libelli u kien biss bl-emendi tan-1995 li l-istess gew japplikaw ghall-procedura sommarja b'citazzjoni, la darba giet eliminata l-proceduri solenni tal-libell. Izda certament li fl-umli opinjoni tal-Qorti hemm bzonn li d-dicitura tal-ligi, jekk mhux il-procedura stess ta' dezerzjoni, tigi mibdula kemm biex tkun aktar facli biex tiftiehem, kif ukoll sabiex il-procedura tad-dezerzjoni, jekk ghandha tibqa' applikabbli, tkun tista' ssir b'makkinarju mhux daqshekk goff, u dan ukoll iservi sabiex kulhadd ikun jaf mill-bidu b'mod car u semplici l-pozizzjoni tieghu.

Illi ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi michuda u l-Qorti ghalhekk tordna l-prosegwiment tal-kawza.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tichad l-ewwel eccezzjoni** tal-konvenut *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha ta' din id-decizjoni kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------